# NIPPROMWOVU INFORMAZZJONI AĊĊESSIBBLI GĦAL TGĦALLIM TUL IL-ĦAJJA

L-aċċess għall-informazzjoni huwa dritt fundamentali ta' kull tgħalliemi, kemm b'diżabiltà kif ukoll mingħajrha; u/jew bi ħtiġijiet edukattivi speċjali. F'soċjetà li kulma jmur qiegħda tiddependi fuq l-ICT biex tikkomunika u taqsam l-informazzjoni u l-għerf, huwa essenzjali li l-informazzjoni tiġi pprovduta b'mod li tassigura li kull persuna jkollha l-opportunità li tipparteċipa fuq bażi ta' ugwaljanza.

Il-ħtieġa tal-aċċessibiltà għal informazzjoni relevanti għal tgħallim tul il-ħajja hija tema rikurrenti fil-proġetti kollha tal-Agency u fl-2010, l-Agency kienet ingħatat grant u l-proġett beda f'Marzu 2011 b'kofinanzjar mill-Għotja tal-Komunità Ewropea fil-Programm Trasversali tat-Tgħallim għal Tul il-Ħajja, Attività Qofol 1: Politika ta' Kooperazzjoni u Innovazzjoni, bin-numru tal-ftehim: 190583-LLP-2010-DK-KA1-KA1ECETA.

Il-proġett għall-Proviżjoni tal-Informazzjoni Aċċessibbli għat-Tgħallim Tul il-Ħajja (i-access) dam sejjer minn Marzu 2011 sa Frar 2012. F'dan il-proċess tal-i-access kienu involuti 21 pajjiż membru tal-Agency: il-Belġju (il-komunitajiet li jitkellmu bil-Franċiż kif ukoll dawk li jitkellmu bil-Fjammin), Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, Franza, il-Ġermanja, l-Iżlanda, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, in-Norveġja, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugal, is-Slovenja, Spanja, l-Isvezja, l-Isvizzera u r-Renju Unit (l-Ingilterra kif ukoll l-Iskozja).

Aktar minn 70 espert ipparteċipaw u kkontribwew għal dan il-proġett. Dawn il-professjonisti kienu jinkludu policy makers, ġurnalisti, riċerkaturi, esperti tal-ICT u proviżuri tas-servizz kif ukoll ir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet internazzjonali u Ewropej.

L-għan aħħari tal-proġett kien li jqajmu konxjożità tal-kwistjonijiet li jirrigwardjaw il-proviżjoni ta' informazzjoni aċċessibbli għal tgħallim tul il-ħajja bil-għan li jiġu ffaċilitati żviluppi pożittivi għal skop ta' proviżjoni ta' informazzjoni aċċessibbli. L-għan ewlieni kien li jintużaw standards Ewropej u ta' policy internazzjonali għal aċċessibiltà ta' informazzjoni bħala l-bażi għal diskussjoni ta' implikazzjonijiet u l-implimentazzjoni fil-prattika ta' proviżjoni aċċessibbli ta' informazzjoni fit-tgħallim tul il-ħajja.

Fil-proġett l-esperti kienu qablu li jiddifferenzjaw bejn rakkomandazzjonijiet u linji-gwida kif jidher fil-figura t'hawn taħt.




**Distinzjoni bejn ir-rakkomandazzjonijiet u l-linji-gwida marbuta mal-gruppi fil-mira**

*Ir-rakkomandazzjonijiet* jimmiraw lejn policy makers għal tagħlim tul il-ħajja kif ukoll bħala ICT, li jaħdmu fil-livelli Ewropej, nazzjonali jew organizzazzjonijiet ta' tgħallim tul il-ħajja. Ir-rakkomandazzjonijiet jiffukaw fuq il-ħtiġijiet li għandhom jiġu inklużi f'policy miktuba biex tidderieġi proviżjoni ta' informazzjoni aċċessibbli fl-organizzazzjonijiet;

*Il-linji-gwida* huma mmirati għal prattikanti edukattivi, tal-ICT u tal-midja u jinkludu għodod bħal ċekkjaturi u indiċijiet għal azzjoni ta' monitoraġġ. Il-linji-gwida jiffukaw fuq kif il-policy tista' tiġi mwettqa b'mod prattiku fil-livell organizzattiv, kif ukoll fil-livell tat-tgħalliemi individwali.

Ir-riżultati kollettivi tal-proġett tal-i-access iwasslu għal prinċipji ta' ggwidar u oqsma ewlenin għal rakkomandazzjonijiet li jsostnu proviżjoni ta' informazzjoni aċċessibbli għal tgħallim tul il-ħajja maqbula fil-livell Ewropew minn stakeholders ewlenin f'dan il-qasam. Il-Prinċipji ta' Ggwidar tal-i-access kif ukoll ir-Rakkomandazzjonijiet huma maħsuba għall-policy makers fir-rwol tagħhom li jmexxu l-implimentazzjoni ta' proviżjoni ta' informazzjoni aċċessibbli.

## PRINĊIPJI LI JIGGWIDAW

Fil-konferenza tal-proġett tal-i-access (li nżammet f'Ġunju 2011) kien hemm inputs varji dwar il-policy u l-prattika relatata bil-għan li tiġi pprovduta informazzjoni aċċessibbli għal tgħallim tul il-ħajja. Ir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet internazzjonali ewlenin li jaħdmu fil-qasam tal-aċċessibiltà – UNESCO, G3ict, il-Konsorzju tal-World Wide Web/Il-Web għal Inizjattivi ta' Aċċessibiltà (W3C/WAI) u l-Konsorzju DAISY – ippreżentaw il-prijoritajiet u x-xogħol f'dan il-qasam. Ir-rappreżentanti tal-Adobe u l-Microsoft ippreżentaw l-informazzjoni fuq ir-relevanza tal-policy għax-xogħol tagħhom u pprovdew l-informazzjoni prattika biex jagħmlu l-informazzjoni aktar aċċessibbli.

Bħala riżultat tad-dibattiti u l-inputs tal-konferenzi kollha fuq il-proġett, l-esperti tal-i-access qablu fuq numru ta' Prinċipji ta' Ggwidar li għandhom isostnu kull rakkomandazzjoni għal policy u prattika relatata ma' proviżjoni ta' informazzjoni aċċessibbli għal tgħallim tul il-ħajja.

***Il-Prinċipju tad-Drittijiet:*** L-aċċess għall-informazzjoni hija dritt fundamentali – hija tagħti s-saħħa lit-tgħalliema u tiffaċilita s-sehem tagħhom fis-soċjetà. Dan l-aċċess għandu jiġi pprovdut fil-fażijiet bikrija tat-tgħallim tagħhom u għandu jakkumpanja lit-tgħalliema matul ħajjithom.

***Il-Prinċipju Strutturali:*** Huwa vitali li kull policy jew rakkomandazzjoni ma tqisx it-teknoloġija bħala għan fih innifsu. Il-fatturi sistematiċi li jiddeterminaw l-użu tal-għodod għal tgħallim tul il-ħajja għandu jiġi magħruf u mitqies.

***Il-Prinċipju tal-Inklużjoni ta' Kulħadd:*** L-aċċessibiltà tal-proviżjoni tal-informazzjoni tinħtieġ li tintqies fl-interpretazzjoni l-iktar wiesgħa tagħha biex tinkludi nies bil-forom kollha ta' diżabiltà u/jew ħtiġijiet edukattivi speċjali.

***Il-Prinċipju tas-Sinerġija:*** L-aċċessibiltà hija ta' benefiċċju għal kull user b'diżabiltà u/jew ħtiġijiet edukattivi speċjali u jista' jkun ta' benefiċċju għall-users kollha.

## RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦALL-PROMOZZJONI TA' INFORMAZZJONI AĊĊESSIBBLI GĦAT-TGĦALLIM TUL IL-ĦAJJA

Ir-Rakkomandazzjonijiet għall-promozzjoni ta' informazzjoni aċċessibbli għal tgħallim tul il-ħajja li jieħdu minn medda ta' sorsi ta' informazzjoni miġbura u analizzati matul l-attivitajiet tal-proġett, jinkludu:

*Review tal-policy internazzjonali u Ewropea u r-rakkomandazzjonijiet fuq l-aċċessibiltà* – ir-review tal-policy inizjali saret bħala stimulu għall-abbozzar ta' stħarriġ tal-pajjiż (deskritt hawn taħt). Imbagħad kien miżjud u użat bħala input fil-konferenza tal-proġett i-access (deskritt hawn taħt). Bħala riżultat tar-riżultati finali tal-proġett tal-konferenza, ir-review tal-policy reġgħet inħadmet u tkompliet sal-aħħar bil-għan li torbot il-kontenut tal-policy eżistenti u l-aspetti ewlenin tat-twettiq tal-policy. L-istudju wera li l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fuq id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabiltà (UNCRPD,

2006) bħala wieħed mill-policies l-aktar influwenti f'relazzjoni mal-aċċessibiltà għaliex legalment torbot il-firmatorji tagħha (inklużi l-Unjoni Ewropea) u tiddeerieġi l-attenzjoni għal aspetti ta' aċċessibiltà fil-policies Ewropej u nazzjonali. L-istudju tal-policy issottolinea wkoll il-fatt li f'livell Ewropew m'hemmx policy singla li tirreferi għat-tipi kollha ta' aċċessibiltà ta' informazzjoni (web, dokumenti elettroniċi, materjal ipprintjat, awdjo, vidjow u kull forma ta' komunikazzjoni). Fir-realtà, l-aspetti differenti ta' aċċessibiltà jkopru setturi ta' policies varji.

*Stħarriġ tal-pajjiż fuq il-policy ta' aċċessibiltà u twettiq* – ir-riżultati tal-istħarriġ tal-pajjiżi huwa bbażat fuq 29 tweġiba minn 18-il pajjiż. Ir-riżultati wrew li dawk li wieġbu għall-istħarriġ bħala regola kienu aktar konxji tal-policies u l-linji-gwida internazzjonali għall-proviżjoni ta' aċċessibiltà ta' informazzjoni, milli għall-policies Ewropej. Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi rrappreżentati fl-istħarriġ għandhom policy nazzjonali għal aċċessibiltà kif ukoll gwidi ta' stil organizzattiv, madankollu nofs biss minn dawn il-gwidi jkopru aspetti ta' aċċessibiltà.

*L-inputs u l-konklużjonijiet tal-konferenza i-access* – il-konferenza i-access inżammet f'Copenhagen bejn it-22-24 ta' Ġunju 2011 u saret mill-Agency u l-Ministeru tal-Edukazzjoni Daniż. L-għan ta' din il-konferenza kien li jiġu identifikati l-implikazzjonijiet tal-policy internazzjonali u Ewropea fuq l-aċċessibiltà tal-proviżuri tal-informazzjoni fil-qasam edukatttiv, kif ukoll bħala l-proċessi li l-organizzazzjonijiet jinħtieġ jikkonsidraw bil-għan li jassiguraw proviżjoni aċċessibbli ta' informazzjoni. Il-parteċipanti li kienu aktar minn 70 irriflettew fuq il-ħtiġijiet tal-policy u l-prattika kurrenti dwar l-aċċessibiltà tal-informazzjoni relevanti għat-tgħallim tul il-ħajja u identifikaw l-aspetti ewlenin relevanti għall-iżvilupp ta' sett ta' rakkomandazzjonijiet proposti.

Ir-rakkomandazzjonijiet finali tal-proġett kienu abbozzati mbagħad approvati, permezz ta' proċess ta' abbozzar mill-ġdid imsejjes fuq il-feedback mill-esperti tal-proġett, rappreżentanti ministerjali tal-membri tal-pajjiżi tal-Agency, kif ukoll rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tal-istakeholders ewlenin involuti fil-konferenza u l-attivitajiet tal-proġett.

Is-seba' oqsma tar-rakkomandazzjonijiet huma mmirati għal policy makers ta' tgħallim tul il-ħajja u/jew ICT, li jaħdmu fil-livelli organizzattivi Ewropej, nazzjonali jew ta' tgħallim tul il-ħajja.

**Ngħollu l-konxjożità dwar aċċessibiltà ta' informazzjoni għal tgħallim tul il-ħajja bħala kwistjoni ta' drittijiet.** Il-policy makers, l-organizzazzjonijiet u l-professjonisti fit-tgħallim tul il-ħajja, l-ispeċjalisti tal-ICT, in-nies b'diżabiltà u/jew bi ħtiġijiet edukattivi speċjali u l-familji tagħhom u n-networks ta' sostenn għandhom ikunu konxji tad-drittijiet tat-tgħalliema għal aċċessibiltà ta' proviżjoni ta' informazzjoni.

**Għandu jkun hemm approċju ta' għadd ta' stakeholders imsejjes fuq kooperazzjoni u bdil ta' informazzjoni.** Policies speċifiċi għoljin li jiffukaw fuq kwistjonijiet ta' gruppi singli ta' interessi biss ma jistgħux jilħqu l-proviżjoni aċċessibbli ta' informazzjoni ta' tgħallim tul il-ħajja. Il-policies għandhom jiġu żviluppati u mbagħad implimentati bbażati fuq il-prinċipju tal-approċju li jsostni aktar minn stakeholder wieħed.

**Aspetti rigward il-proviżjoni ta' informazzjoni aċċessibbli għandhom ikunu koperti fl-edukazzjoni tal-professjonisti involuti fit-tgħallim tul il-ħajja.** L-ICT tista' tikkontribwixxi għal opportunitajiet ta' aċċess biss jekk il-professjonisti fit-tgħallim tul il-ħajja jiġu edukati fl-użu tal-ICT bħala għodda biex tgħin f'opportunitajiet ta' ugwaljanza fl-edukazzjoni.

**Aspetti dwar aċċessibiltà ta' informazzjoni għandha tkopri fl-edukazzjoni tal-ICT u l-professjonisti tal-midja.** L-edukazzjoni ta' speċjalisti tal-midja u l-ICT fuq l-impatt tad-diżabiltajiet u/jew ħtiġijiet edukattivi speċjali fuq nies li jużaw l-ICT, ikun possibbli li tiġi żviluppata teknoloġija aktar aċċessibbli minn disinn sa produzzjoni u biex jiġi evitat xogħol li jsir aktar tard biex il-prodott finali jkun aktar aċċessibbli.

**L-aċċessibiltà għandha tkun il-prinċipju li jiggwida għall-akkwist u l-proviżjoni tal-ħtiġijiet u s-servizzi kollha.** L-affarijiet meħtieġa u s-servizzi għandhom jinxtraw biss minn organizzazzjonijiet li għandhom akkont sħiħ ta' aspetti ta' aċċessibiltà.

**Ir-riċerka għandha tiġi promossa biex tiżviluppa bażi ta' evidenza għal disinn futur ta' policy, implimentazzjoni u evalwazzjoni.** Sforzi ta' riċerka fit-tul f'dan il-qasam għandhom jinfurmaw lill-policy making, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni u għandhom jimmiraw biex jidentifikaw oqsma għal xogħol u żvilupp fil-futur.

**Il-konformità mal-policy għandha tkun monitorata b'mod sistematiku.** Il-monitoraġġ tal-konformità fil-preżent tista' biss tiġi mħeġġa, imma din jinħtieġ li titwessa'. Il-konformità mal-policy ta' aċċessibiltà hija mmonitorata fuq livell internazzjonali għal firmatarji tal-UNCRPD (2006), imma bħalissa mhux il-pajjiżi kollha jipprovdu r-rapporti annwali tagħhom. Fiż-żmien il-monitoraġġ tal-konformità mal-policy ta' aċċessibiltà għandha tkun mandatorja fil-livell nazzjonali.

Għal kull waħda mis-seba' aspetti ta' applikabiltà ta' rakkomandazzjonijiet ta' aċċessibiltà għal tliet livelli possibbli ta' policy, jistgħu jiġu identifikati l-livelli organizzattivi Ewropej.

Il-Prinċipji ta' Ggwidar u r-Rakkomandazzjonijiet jistgħu jintqiesu bħala l-qafas ewlieni li għandu jiġi żviluppat, ibbażat fuq kuntesti ta' pajjiżi u reġjunijiet differenti. Il-foku ta' passi oħra fix-xogħol relatat ma' proviżjoni ta' żvilupp ta' informazzjoni aċċessibbli tkun biex tibni fuq is-seba' rakkomandazzjonijiet billi tiżviluppahom f'linji-gwida mmirati għal prattikanti li għandhom ir-responsabiltà li jimplimentaw policy fl-organizzazzjonijiet tat-tgħallim tul il-ħajja.

Huwa ttamat li l-Prinċipji ta' Ggwidar u r-Rakkomandazzjonijiet jistgħu jkunu stimulu għal dibattitu u bdil ta' ideat fl-Ewropa u lil hinn minnha; b'mod partikolari huwa kkunsidrat li jistgħu jipprovdu ispirazzjoni għal diskussjonijiet f'komunitajiet ta' prattika differenti.

Din il-paper hija sommarju tal-konklużjonijiet ewlenin tal-proġett i-access. Fir-rapport sħiħ tal-proġett *Nippromwovu Informazzjoni Aċċessibbli għal Tgħallim Tul il-Ħajja* (2012) insibu dettalji fuq: il-proġett tal-i-access; l-istħarriġ tal-pajjiżi fuq l-aċċessibiltà; l-istudju tal-policy fuq l-aċċessibiltà; ir-riflessjonijiet fuq ir-riżorsi eżistenti biex isostnu t-twettiq tal-policy ta' aċċessibiltà; ġemgħa ta' riżorsi li l-għan tagħhom huwa li jippromwovu l-proviżjoni ta' informazzjoni aċċessibbli; lista ta' esperti parteċipanti.

Ir-rapport sħiħ tal-proġett kif ukoll il-materjal kollu tal-proġett jista' jitniżżel minn:
**http://www.european-agency.org/agency-projects/i-access**

Kopji pprintjati tar-rapport u aktar tagħrif fuq il-proġett jistgħu jinkisbu permezz ta' talba lis-Segretarjat tal-Agency: **secretariat@european-agency.org**

Il-proġett i-access huwa sostnut mill-ProgrammTrasversali tat-Tgħallim Tul il-Ħajja, Attività Qofol 1: Fondi tal-Policy ta' Kooperazzjoni u Innovazzjoni, numru tal-ftehim: 190583-LLP-2010-DK-KA1-KA1ECETA.

© European Agency for Development in Special Needs Education 2012

MT

Education and Culture DG
Lifelong Learning Programme

Il-fondi għal dan il-proġett ġew b'għajnuna mill-Kummissjoni Ewropea. Dan id-dokument jirrifletti l-opinjonijiet tal-awtur biss, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li wieħed isib f'dan l-istess proġett.